MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1499/2001/1

**J . & C. Pisani Limited**

**vs**

**Nicholsons The Supermarket Limited**
**Tonio sive Anthony Ciantar, u**
**AC Holdings (Two) Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni ppresentata mis-socjeta' attrici fil-5 ta' Settembru, 2001, li in forza taghha wara li ppremettiet:

1. Illi s-socjeta' attrici ghandha tiehu minghand is-socjeta' konvenuta Nicholsons The Supermarket Limited bhala debitrici principali kif ukoll

minghand il-konvenuti l-ohra Tonio sive Anthony Ciantar u s-socjeta' AC Holdings (Two) Limited bhala garanti solidali maghha, is-somma ta' disat elef, mitejn u sitta u sebghin Lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm9276.71c) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' oggetti tal-ikel lilha mibjugha u kkonsenjati fl-istabbilimenti taghha u fuq ordni taghha stess, skond il-prospett (Dok. B) flimkien mal-imghax tat-8% mid-data tal-konsenja sal-hlas effettiv, liema dejn hu cert, likwidu u skadut;

2. Illi biex jiggarantixxu l-obbligazzjoni principali, l-ewwel il-konvenut Tonio sive Anthony Ciantar emetta serje ta' "*post date cheques"* (Dok.C) li meta gie prezentat l-ewwel wiehed minnhom instab li ma kienx hemm flus il-bank fil-kont ghax l-*account* kien inghalaq u ghalhekk ic-*cheque* ma giex onorat u dawn ic-*cheques* gew irtirati minn Tonio sive Anthony Ciantar u gew minnu sostitwiti minn serje ohra ta' *post dated cheques* (Dok.D) ukoll iffirmati minnu pero' mahruga fuq il-kont ta' AC Holdings (Two) Limited, li ukoll gew kollha "*Referred to drawer";*

3. Illi fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont mitlub u din il-Qorti tista' tghaddi biex tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza, ghat-tenur tal-art. 167 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghalhekk is-socjeta' attrici ghar-ragunijiet premessi talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-art.167 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundana lill-konvenuti "*in solidum"* bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef, mitejn u sitta u sebghin Lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (LM9276.71c) flimkien mal-imghax tat-8% mid-dati tal-konsenja sal-hlas effettiv, bilanc ta' somma akbar, prezz ta' oggetti tal-ikel mibjugha u

konsenjati fl-istabbilimenti tas-socjeta' konvenuta Nicholsons The Supermarket Limited u fuq ordni taghha u garanti dal-hlas mill-konvenuti l-ohra;

Bl-ispejjez kollha – komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Lulju, 2001 u dawk tal-mandat ta' qbid tal-lum stess – kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Settembru, 2001, li in forza tieghu cahdet it-talba ghas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12, peress li l-kawza mhix wahda minn dawk li jistghu jsiru waqt il-ferjat;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha ecceppew:

1. Preliminarjament illi c-citazzjoni prezentata mis-socjeta' attrici hija nulla stante li ma hemmx annessa mac-citazzjoni dikjarazzjoni guramentata ta' fatti tas-socjeta' attrici;

2. Preliminarjament ukoll illi AC Holding (Two) Sons Limited u Tonio Ciantar f'ismu proprju m'ghandhomx relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghalhekk ghandhom jigu liberati mid-domandi;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, u jekk dina l-Onorabbli Qorti ma taccettax l-eccezzjonijiet fuq esposti l-ammont mitlub mhuwiex dak dovut;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

5. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michud bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Frar, 2003, li in forza taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, u

ddikjarat li l-azzjoni attrici tiswa' ghaliex ma ntweriex li bin-nuqqas formali huma qeghdin ibatu pregjudizzju li ma jistax jitnehha jekk mhux bit-thassir tal-att tac-citazzjoni; laqghet ukoll it-talba tas-socjeta' attrici biex tressaq id-dikjarazzjoni taghha tardivament u li titqies bhala mehmuza mal-att tac-citazzjoni;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li resqet is-socjeta' attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' attrici f'din il-kawza dahlet fi ftehim mas-socjeta' konvenuta Nicholsons The Supermarket Limited sabiex tforniha bi *frozen foods* u ikel u haxix iehor frisk. Il-ftehim kien li l-konsenja kellha ssir *on credit*, bil-hlas isir wara tletin gurnata. Eventwalment, peress li l-indikata socjeta' konvenuta bdiet regolarment taqa' lura fil-pagamenti, sar ftehim li l-*credit* ikun ta' sittin gurnata. Nonostante dan, il-pagamenti da parte tas-socjeta' konvenuta waqghu lura u kienu jsiru b'mod irregolari hafna, bis-socjeta' kemm-il darba thallas bi hrug ta' cekkijiet li, pero', il-gran parte minnhom, ma kienux jigu onorati mill-Bank. Ic-cekkijiet li kienu jinghataw ma kienux dejjem tal-imsemmija socjeta' konvenuta, izda gieli kienu ta' Tonio Ciantar personalment u ta' xi kumpanija ohra minn tieghu, fosthom dik konvenuta AC Holdings (Two) Limited. Eventwalment, is-socjeta' attrici waqfet tforni *on credit,* izda bdiet tissuplixxi *on cash basis*, bis-socjeta' konvenuta tobbliga ruhha li thallas l-arretrati maz-zmien. Peress li l-arretrati baqghu ma thallsux is-socjeta' attrici fethet din il-procedura ghall-bilanc indikat ta' LM9,276.71c.

Ghalkemm fl-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti jghidu li l-ammont mitlub mhux dovut, bl-ebda mod ma sostnew din l-allegazzjoni. Is-socjeta' attrici, minn naha l-ohra,

ippruvat il-kreditu taghha bi *statement* preciz u dettaljat li jindika l-pretensjoni taghha. Dan l-*istatement* gie kkonfermat bil-gurament mis-socjeta' attrici, u l-ammonti hemm indikati jikkorispondu ghall-*invoices* indikati li wkoll gew konfermati mis-socjeta' attrici (peress li jifformaw parti mill-*istatement* esebit) u ma gewx kontradetti mill-konvenuti. Inoltre d-diversi cekkijiet esebiti u nhargu b'tentattiv ta' hlas, juru wkoll rikonoxximent tad-debitu. Ic-cekkijiet li jidhru li gew "*referred to drawer"* wahedhom jikkonfermaw debitu li joltrepassa s-somma mitluba fic-citazzjoni. Meta debitur johrog cekk ghall-hlas qed jirrikonoxxi li huwa debitur, u meta dawk ic-cekkijiet ma jigux onorati, dan hu konferma li d-dejn ikun ghadu dovut, u sta ghad-debitur jipprova li dak il-kreditu kien gie settiljat bi hlas b'*cash* jew b'mod iehor. Il-hrug ta' cekk, fin-nuqqas ta' spjegazzjoni valida, hija rikonoxximent tad-dejn, u meta dan ma jigix imsarraf, jitfa' fuq id-debitur il-piz tal-prova tal-pagament (ara "Dalli vs Balzan", deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2003). Kwindi, l-Qorti hi sodisfatta li s-somma mitluba fic-citazzjoni hi dovuta.

Id-debitur principali ta' dan id-dejn hija s-socjeta' Nicholsons The Supermarket Limited. Is-socjeta' attrici qed tallega li z-zewg konvenuti l-ohra, Tonio sive Anthony Ciantar personalment, u s-socjeta' AC Holdings (Two) Limited, dahlu bhala garant solidali ta' dan id-dejn. Skond il-ligi – artikolu 1929 tal-Kodici Civili – "*Il-garanzija ma tistax tkun prezunta izda ghandha tkun espressa".* L-artikolu 1233 (1) (c) imbaghad izid li l-garanziji jridu jkunu bil-miktub "taht piena ta' nullita'." Ma giet prodotta ebda kitba li turi l-ghoti ta' garanzija. Is-socjeta' attrici qed tiddesumi l-ghoti ta' garanzija da parti ta' dawn iz-zewg konvenuti mill-fatt li nhargu cekks taghhom sabiex isir hlas tad-debitu tas-socjeta' Nicholsons. Il-hrug ta' cekk, pero', mhiex ghoti ta' garanzija u mhiex prova wahedha li l-pagatur accetta li d-debitu jkun tieghu. Fil-kawza "Bonnici vs Cauchi Carter", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc u dikjarata dezerta mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-1 ta' Gunju, 1990, kien gie osservat li meta jsir hlas b'*cheque* ta' kumpanija li ma tkunx id-debitrici, ma jfissirx b'daqshekk li d-debitu sar tal-kumpanija paganti u mhux ta' l-ewwel kumpanija debitrici. Hekk ukoll l-

Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Zammit vs Frendo Azzopardi", deciza fl-14 ta' Mejju, 1943, osservat li l-fatt li wiehed ihallas xi flus akkont ta' dejn, la mhux tieghu, ma jfissirx li huwa assuma dak id-dejn. Fil-kawza "Catania vs Engerer", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April, 1988, gie osservat li la darba l-bejgh sar lill-kumpanija konvenuta, il-konvenut personalment ma kienx responsabli, nonostante l-fatt li dan ta' l-ahhar kien hu li ffirma ghall-ordni.

Apparti dan, is-socjeta' attrici tallega li z-zewg konvenuti ndikati kienu verbalment dahlu bhala garanti ghad-dejn tas-socjeta' Nicholsons. Apparti li dan mhux permess bil-ligi, dwar dan, is-socjeta' attrici resqet bhala xhud lid-direttur John Pisani li, fir-rigward tas-socjeta' AC Holdings (Two) Ltd., qal li, f'okkazzjoni minnhom, meta hu kien qed jilmenta mas-Sur Ciantar dwar nuqqas ta' hlas, is-Sur Ciantar kien hariglu *cheque* ta' din il-kumpanija u qallu car u tond li dik il-kumpanija, li taghha s-Sur Ciantar kien ukoll direttur, kienet ser taghmel tajjeb ghad-dejn tas-socjeta' Nicholsons. Dan il-kliem, pero', ma jistax jiftiehem li Tonio Ciantar, ghan-nom tas-socjeta' AC Holdings (Two) Ltd., kien qed jassumi d-dejn fuq isem din is-socjeta'. Il-figura ta' assunzjoni tad-dejn da parti ta' terz hija figura differenti minn dik ta' *fidejussione*, u min jassumi dejn, isir ko-debitur principali mal-ewwel debitur; din l-assunzjoni, tista' ssir anke verbalment, pero', trid tkun cara u inekwivoka. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Xuereb vs Cremona", deciza fis-7 ta' Marzu 1957 (Vol. XLI.II.924), il-kliem "*ahna naghmlu tajjeb ghalih"* ma jindikawx assunzjoni ta' dejn, izda ghoti ta' garanzija, li, pero', hija nulla ghax ma tirrizultax bil-miktub.

Fir-rigward ta' Anthony sive Tonio Ciantar lanqas kliem f'dan is-sens ma rrizulta. Kienet is-socjeta' attrici li assumiet, wara li s-Sur Ciantar kien stqarr li l-*furnishings* fis-*supermarket* kienu kollha tieghu, li allura kien hemm biex jaghmel tajjeb ghad-dejn li s-*supermarket* kienet se tidhol ghalih. Il-kuntratt, pero', sar mas-socjeta' Nicholsons u ma saret ebda assunzjoni tad-dejn da parti tal-konvenuti l-ohra.

L-involviment taz-zewg konvenuti l-ohra hija, fic-citazzjoni msejsa fuq il-“garanzija” li huma suppost taw lis-socjeta’ attrici, u ma giex allegat li dawk iz-zewg konvenuti assumew id-dejn tas-socjeta’ Nicholsons, u, ghalhekk, proprjament din il-Qorti lanqas kellha ghalfejn tezamina jekk kienetx tezisti din il-figura guridika. Il-garanzija, b’disposizzjoni espressa tal-ligi, trid tkun espressa, u bil-miktub; la darba dan ma jirrizultax, il-Qorti ma tistax issib lill-konvenuti Tonio sive Anthony Ciantar u AC Holdings (Two) Limited responsabli *in solidum* mas-socjeta’ Nicholsons The Supermarket Ltd.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u tillibera lill-konvenuti Anthony sive Tonio Ciantar u AC Holdings (Two) Limited mill-osservanza tal-gudizzju; tichad it-tielet eccezzjoni u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta Nicholsons The Supermarket Limited thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ disat elef mitejn u sitta u sebghin Lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (LM9276.71c), bl-imghaxijiet legali mill-5 ta’ Lulju, 2001 sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi, jithallsu kollha mis-socjeta’ konvenuta Nicholsons The Supermarket Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------